MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 127/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Cassar)**
**Vs**
**Steven Zammit**

**Illum, 16 ta' Novembru, 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-Xghajra, limiti ta' Haz-Zabbar, fil-Fgura, fil-Marsa, f'Sta. Venera w f'diversi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar tliet xhur:-

1. bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Stephanie Buhagiar mix-Xghajra, kontra l-volonta' taghha;
2. hedded lil Stephanie Buhagiar mix-Xghajra, bil-mewt filwaqt li ghamlilha arma tan-nar ma' rasha;

3. hedded lill-imsemmija Stephanie Buhagiar bil-kliem, “la naslu l-flat tista’ tghid l-att ta’ l-indiema!” “infellek fil-kamra tal-banju” u “hawn tidhol shiha w tohrog fil-boroz!” u aktar hedded ukoll lill-ġenituri taghha Mario w Patricia Buhagiar bil-kliem ukoll;
4. kellu fil-pussess tieghu w garr arma tan-nar u cioe’ senter ta’ bi tmienja ssegat kif ukoll munizzjon minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
5. waqt li gie fil-pussess tal-imsemmija arma tan-nar u munizzjon, ma tax avviz immedjat lill-Kummissarju tal-Pulizija;
6. fil-hijn li ghamel l-imsemmi delitt kellu fuq il-persuna tieghu l-arma tan-nar imsemmija;
7. ikkommetta serq ta’ mitt lira Maltin fi flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin;
8. b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, w li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, hebb ghall-istess Stephanie Buhagiar sabiex jingurjaha, ddejjaqaha jew jaghmillha hsara;
9. bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor;
10. uza xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjonijiet provduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzxjonijiet li nhargu minn proveditur awtorizzat ghal uzu sew tas-sistemna tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir, jew ghamel uzu minnu mhux sewwa;
11. huwa sar recidiv *ai termini* tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici kriminali Kapitolu IX tal-Ligijiet ta’ malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghu jigu mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-1 t’ April, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 86, 87, 261, 262, 270, 271, 21, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikoli 17 u 31 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel, tas-seba’ w il-hdax –il akkuza w ikkundannatu

ghal piena karcerarja effettiva ta’ ghaxar xhur. Illiberatu mill-akkuzi l-ohra kif dedotti konta tieghu.
B’applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta rabtet lill-appellant milli b’xi mod jew iehor javvicina jew jivvessa lil-konjugi Buhagaitr jew lil binthom Stephanie w dan billi jidhol fl-obbligazzjoni ta’ €233 Euro ghal tnax-il xahar minn meta jiskonta l-piena karcerarja.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 t’April, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant mhxu hati tar-raba’, l-hames, is-sitt, id-disa’ w il-ghaxar imputazzjoni w fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w thassar u tirrevoka l-istess sentenza fejn sabet lill-appellant hati tas-seba’ imputazzjoni w fejn applikat l-artikolu 87 u 289 tal-Kap. 9 u konsegwentement tirriforma l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. illi l-Ewwel Qorti erronjament sabet il-htija dwar is-seba’ imputazzjoni stante illi mill-assjem tal-provi l-elementi tar-reat ta’ serq ma jienux jirrizultaw;
2. illi tali serq ma jistax jigi kkundsidrat bhala aggravat bil-vjolenza. Tabilhaqq kwalsiasi vjolenza li seta kien hemm kien anticedenti ghar-reat ta’ serq;
3. illi fis-sejbien ta’ htija dwar l-ewwel imputazzjoni, l-Ewwel Qorti erronjament ghamlet referenza ghall-artikolu 87 meta dan ma kienx applikabbli ghal kaz u tabilhaqq lanqas addebitat fl-imputazzjoni;
4. illi rigward iz-zieda fil-piena konsegwenza tal-addebita tar-recidiva rikjest fl-imputazzjoni hdax, l-Ewwel Qorti erronjament applikat l-artikolu 289.

Ikkunsidrat

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Steven Zammit kellu relazzjoni ma' Stephanie Buhagiar. Fl-10 t'April, 2005, inqala' incident bejniethom fejn Buhagiar giet mhedda w aggredita minn l-appellant Steven Zammit. Kawza ta' dan l-incident Steven Zammit gie mressaq il-Qorti fis-16 t'April, 2005 biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 t'April, 2009 il-Qorti sabitu hati tal-ewwel, tas-seba' w il-hdax l-akkuza. Lliberatu mill-bqija tal-akkuzi w ikkundannatu ghall-piena karcerarja effettiva ta' ghaxar xhur.

Zammit appell minn din is-sentenza b'rikors ipprezentat fit-13 t'April, 2009 fejn talab ir-riforma ta' dik is-sentenza inkwantu sabet htija w argumenta illi l-Ewwel Qorti ma setghetx issib lil Zammit hati tar-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza w li erronjament ghamlet referenza ghall-artikolu 87 tal-Kap. 9 meta dan ma kienx addebitat fl-imputazzjoni. Ilment ukoll fiz-zieda tal-piena b'konsegwenza tar-recidiva fejn l-Ewwel Qorti erronjament applikat l-artikolu 289 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-abbli Avukat difensur spjegat dawn l-ilmenti tal-appellant.
Qal li l-element tal-*contrattatio* ma jissustix u jekk kien hemm element ta' vjolenza dana kien qabel is-serq, kwindi dak ma setax jigi meqjus bhala gravanti fuq ir-reat ta' serq.
Spjega illi l-Ewwel Qorti rat x'kien l-atteggjament tal-appellant qabel ma sar ir-reat u ghalhekk waslet ghall-konkluzzjoni illi kien hemm il-*contrattatio doloza*.
Dan mhux il-kaz ghax il-vjolenza w is-serq iridu jissustissu flimkien.

Rigward l-artikolu 87, li jirregola c-cirkostanzi gravanti, dwar ir-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi, l-Avukat difensur spjega illi dan l-artikolu ma kienx ikkwotat fl-Avukat Generali fir-rinvijju ghall-gudizzju. Terga' l-Qorti applikat it-tlugh tal-piena fis-sfond tal-

artikolu 289 tal-Kap. 9 liema artikolu ma setax jigi applikat f’dan il-kaz ghax hawn mhux *st tratta* ta’ proprjeta’.

Ikkunsidrat

Ghal dawk illi huma l-fatti, l-Qorti tikkunsidra illi dan l-incident gara f’atmosfera ta’ theddid u aggrezzjoni qawwija da parti tal-appellant. Dan ta’ l-ahhar mar ghal Stephanie Buhagiar illi kienet ghand habiba taghha, gabha fil-flat il-Fgura illi kienet kriet. Gaghla tiftah il-bieb u tidhol gewwa, heddidha bil-mewt u wara illi pogga arma tan-nar ma rasha, kompla bit-theddid u bl-aggrezzjoni tieghu. F’dan l-istadju Stephanie Buhagiar kienet imwerwra w fi stat ecitat hafna w ghalhekk meta talabha mitt lira w ratu jqalleb l-ghamara biex isib il-flus u biex ma jkomplix jaghmel aktar hsara wrietu fejn kienu il-flus, hadhom u telaq il-barra.

Ma hemmx dubju, illi f’dan l-incident l-appellant kien aggressiv u vjolenti ma’ Stephanie Buhagiar u pogga fiha dik il-biza’ illi nehhiet kull forma ta’ volonta’. F’dan l-incident kien hemm mumenti fejn l-appellant issekwestra lil Stephanie Buhagiar billi tefaghha fuq is-sodda w zammha b’mod illi ma setghetx ticcaqlaq u kien f’dan l-istadju illi pponta arma tan-nar ghall-naghsa.

Fl-istat ta’ biza’ illi kellha w biex ma ssirx aktar hsara, anki lejn il-persuna taghha stess, Stephanie Buhagiar cediet ghall-pressjoni illi ghamillha l-appellant u taghtu l-flus.

Ikkunsidrat

L-artikolu 262(2) tal-Kap. 9 :
***“sabiex att ta’ vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq huwa bizzejjed illi dan l-att isir qabel jew filwaqt tas-serq jew minnufih wara biex jghin il-konsumazzjoni tad-delitt .........”***
Skond dan l-artikolu l-vjolenza tikkwalifika s-serq jekk issir qabel jew waqt il-konsumazzjoni tad-delitt. F’dan il-kaz Zammit uza l-vjolenza kemm qabel kif ukoll waqt il-konsumazzjoni tad-delitt, ghax waqt illi huwa kien qieghed ifittex il-flus, kien qed jaghmel hsara fil-proprjeta’ ta’

Buhagiar billi jkisser affarijiet illi sab quddiemu sakemm dina gabitlu l-flus illi ried.

Ghalhekk anki f'dan l-istadju issib illi saret vjolenza fuq il-proprjeta' ta' Buhagiar.

Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellant meta jghid illi l-elementi tar-reat ma jissustux kif lanqas ma taqbilx meta jghid li ma tissustissix l-aggravju tal-vjolenza ghax kienet antecidenti ghar-reat ta' serq.
L-artikolu 262(2) jitkellem car meta jghid:
***"........qabel jew waqt is-serq ......"***
U ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi dan l-element jissustissi f'dan ir-reat.

Rigward l-artikolu 87 tal-Kodici Kriminali filwaqt illi seta' kien minnu illi dana ma kienx imsemmi fir-rinvijju, din il-Qorti ma jidhirlix illi sar xi zball ghax gie biss mensjonat mill-Ewwel Qorti. Fil-fatt l-artikolu 86 li huwa dak principali jsemmi terminu bejn seba' xhur u sentejn habs u l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal ghaxar (10) xhur prigunerija entru t-termini tal-artikolu fuq imsemmi.

Ghalhekk, billi l-artikolu 87 gie biss mensjonat mill-Ewwel Qorti ma jirrizultax illi dana gie uzat biex l-imputat gie addebitat xi piena karcerarja aktar minn dak stabbilit mill-artikolu principali.

L-istess jinghad ghal mensjoni tal-artikolu 289 tal-Kap. 9 li tirrigwarda zieda fil-piena fil-kaz ta' recidiva f'serq. Dan l-artikolu gie msemmi fl-akkuza principali w l-Ewwel Qorti gustament regghet irriprocedietu fis-sentenza taghha. Pero' l-argument jibqa' l-istess u cioe' illi l-piena stabbilita mill-Ewwel Qorti hija fit-termini tal-ligi w ghalhekk din il-Qorti ma jidhirlix illi ghandha tvarjaha.

Ghalhekk il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti bil-fatti li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi wasslet ghaliha w mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik is-sentenza.

Ghalhekk il-Qorti taqta' w tiddeciedi illi filwaqt illi tichad ir-rikors tal-appell, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------